



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2199(DEC)

1.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kullegġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2011
(C7-0262/2012 – 2012/2199(DEC))

Rapporteur: Georgios Papanikolaou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Audituri li l-kontijiet annwali tas-CEPOL jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-likwidità tiegħu għas-sena li ntemmet, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tas-CEPOL għas-sena finanzjarja 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Jieħu nota li l-baġit tas-CEPOL ammonta għal EUR 8 341 000 għas-sena finanzjarja 2011 u li s-CEPOL huwa totalment iffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni; jinnota wkoll li fl-2011, is-CEPOL impenja 96,74 % tal-approprazzjonijiet riċevuti, u li dan il-perċentwal jirrappreżenta tnaqqis żgħir meta mqabbel mal-2010 (99,56 %); josserva madankollu żieda sostanzjali minn 59,12 % għal 75,21 % f'termini ta' impenji mħallsa bejn l-2010 u l-2011; jirrikonoxxi l-isforzi tas-CEPOL biex itejjeb il-proċess ta' bbaġitjar u tal-impenji;
3. Jilqa' l-progress ġenerali fil-ġestjoni finanzjarja li s-CEPOL kiseb f'dawn l-aħħar snin u jħeġġeġ lis-CEPOL jibqa' għaddejj b'dan il-mod u jindirizza n-nuqqasijiet rapportati b'mod f'waqt u kif suppost; f'dan il-kuntest jinnota d-dgħufijiet fl-ippjanar tal-baġit, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell għoli ta' riporti u trasferimenti, kif ukoll rigward it-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ kif indikat fl-opinjoni tal-Qorti tal-Audituri fir-risposta tas-CEPOL;
4. Ifaħħar l-isforzi tas-CEPOL biex jiissimplifika u jtejjeb l-effiċjenza tal-Governanza tiegħu, pereżempju permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu xolti kumitati kif ukoll it-tqassis tal-għadd ta' laqgħat annwali tal-Bordijiet ta' Tmexxija, li issa għandhom jiffokaw essenzjalment fuq it-tfassil tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell strateġiku u fit-tul;
5. Ifaħħar l-isforzi tas-CEPOL biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu mingħajr żieda fil-baġit, u r-riżultati miksuba; jifraħlu, barra minn hekk, talli ħa azzjoni b'mod komprensiv fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Parlament u l-isfidi baġitarji attwali billi naqqas radikalment l-ispejjeż għall-governanza tiegħu;
6. Jinnota l-fatt li s-CEPOL irċieva garanzija mill-Gvern tar-Renju Unit li jista' jibqa' fil-bini tiegħu li jinsab fi Bramshill sal-1 ta' Marzu 2014; jitlob b'urġenza lill-Kunsill jinnomina lokalità ġdidha għall-kwartieri ġenerali tas-CEPOL li joffru l-aħjar kundizzjonijiet possibbli;
7. Ifakk li s-CEPOL għamel progress sinifikanti u li n-numru ta' parteċipanti fil-korisjiet ta' thariegħ u l-programmi ta' skambju żdied b'mod sinifikanti matul l-aħħar snin; għalhekk, jesprimi l-appoġġ tiegħu biex is-CEPOL jibqa' jopera bħala aġenzija indipendent;
8. B'mod ġenerali jistieden lill-Qorti tal-Audituri tiffoka aktar fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja tajba tas-CEPOL, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċċja li bihom is-

CEPOL uża l-appoprjazzjonijiet tiegħu fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tiegħu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.2.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 47 0 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Carlos Coelho, Ioan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Sophia in 't Veld, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Renate Sommer, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Auke Zijlstra
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Marian-Jean Marinescu, Jan Mulder, Raül Romeva i Rueda, Salvador Sedó i Alabart
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Knut Fleckenstein, Karin Kadenbach, Iosif Matula, Ivo Vajgl